Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 19/2015 AE

**Vincent Galea (appellant)**

**Vs**

**Claudia Spiteri Sacco (appellata)**

10 ta' Marzu, 2017.

1. Ir-rikorrent appella minn decizjoni mehuda f'proceduri ta' arbitragg fejn instab responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh f'Hal Qormi fit-18 ta' April, 2012. Fid-decizjoni l-Arbitru qal:

   *"Illi ma hemmx dubju li Galea kellu l-obbligu li qabel ma jibda jsuq jara x'hemm fil-madwar. Illi meta xehed u meta tkellem mal-warden, Galea ma qalx li hares qabel ma beda jsuq. Galea kellu hsara fil-left front mudguard u front bumper.*

   *Galea ma gabx provi konvincenti li Spiteri Sacco kienet unikament responsabbli ghall-incident. Galea kellu dover li jzomm a proper lookout u jara dak li kien qieghed isehh fil-qrib.*

   *Fix-xhieda tieghu Vincent Galea qal hekk: "x'hin hrigt l-intimata kienet iktar 'il quddiem minn tieghi u mbaghad dahlet go fiha". Jekk l-intimata kienet iktar 'il quddiem minnu, hu kellu jara l-istess vettura tal-intimata. Galea kien ipparkeggat fil-gemb tat-triq u qabel ma beda jsuq u qabel ma resaq lejn ix-xellug kellu jara x'hemm fil-madwar.*

   *Ghaldaqstant, l-esponent jichad it-talba ta' Galea bl-ispejjez kontra tieghu".*

2. Ir-rikorrent appella mid-decizjoni. L-aggravju hu li kienet il-vettura tal-intimata li dahlet f'dik tar-rikorrent. F'dan ir-rigward:

   i. Il-fatt li l-hsara fil-vettura tal-intimata kienet fuq il-bumper, turi li kienet dik il-vettura li habtet fil-vettura tar-rikorrent.
   ii. Jesmond Farrugia xehed li l-vettura ta' Galea kienet ipparkjata, *"(….) on the right side of the one way road started moving from its parked position in a straight line"*.

   Il-konkluzjoni li r-rikorrent gibed lejn ix-xellug mhijiex korretta.

   **<u>Konsiderazzjoni.</u>**

3. Wara li l-qorti qrat l-atti tiddikjara li ma taqbilx mal-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Arbitru, u dan ghar-raguni li:

   i. Mir-ritratt SSC3 hu evidenti li fil-hin tal-incident, il-vettura tar-rikorrent kienet dritt. Minn ritratt SSC2 jirrizulta wkoll li fil-karreggata fejn tidher

il-vettura tar-rikorrent, ma kienx hemm vetturi pparkjati. Jesmond Farrugia, passiggier fil-vettura tal-intimata, ikkonferma li kien ra l-vettura ta' Galea ticcaqlaq, *"... from its parked position in a straight line"*. M'hemmx provi jew indizji li jindikaw li r-rikorrent kiser ghal fuq il-trajettorja minn fejn kienet ghaddejja l-vettura tal-intimata.

ii. Dan ma kienx kaz fejn l-incident sehh minhabba li x-xufier li kellu l-vettura pparkjata, hareg mill-parkegg billi kiser u nvada l-karreggata minn fejn kienet ghaddejja l-vettura l-ohra. Ix-xufier tal-vettura Hyundai CBL 767 saq f'linja dritta mill-post fejn kien ipparkjat sa fejn sehh l-incident. Fatti konfermati minn Jesmond Farrugia u wkoll il-posizzjoni tal-istess vettura kif tidher fir-ritratt SSC3.

iii. Hu minnu li fid-dikjarazzjoni, Jesmond Farrugia qal: *"Since CBL 767 was behind CLA 277, the driver should have clearly seen CLA 277 being driven in front of it* ***and in its lane****"*. Pero' mir-ritratti hu evidenti li l-vettura tal-intimata ma kinitx fil-karreggata li fiha tidher il-vettura CBL 767.

iv. L-intimata stess xehedet li, *"L-ahhar darba li rajt il-vettura ta' Galea* ***kienet wieqfa****"*. Mir-ritratt SSC3 hu evidenti li kienet Spiteri Sacco li kisret fuq il-lemin taghha u sabet il-vettura tar-rikorrent. Il-qorti hekk biss tista' tispjega il-posizzjoni skuntrata tal-vettura Mitsubishi CLA 277. Fil-fehma tal-qorti, il-manuvra li ghamlet Spiteri Sacco u l-fatt li hi stess qalet li l-ahhar darba li rat il-vettura ta' Galea kienet wieqfa, jikkonfermaw li harsitx fis-side mirror qabel kisret ghal fuq il-lemin taghha, minn fejn inzertat kienet ghaddejja l-vettura tar-rikorrent. Cirkostanzi li juru li l-intimata ma kinitx qeghda zzomm a *proper lookout*.

v. Il-verzjoni li l-intimata tat lill-warden taqra:

*"Jiena kont tielgha fid-dritt u l-vettura CBL 767 kien wieqaf u dan waqt li kont ghaddejja harget min fejn kienet ipparkjat u dahal fija fuq in-naha tal-lemin fuq double yellow line"*.

Il-qorti tosserva:-

(a) L-incident ma sehhx fejn il-vettura CBL 767 kienet ipparkjata.
(b) Li kieku l-incident gara ghaliex il-vettura CBL 767 habtet fil-vettura CLA 277 fil-mument li x-xufier qala' minn posizzjoni wieqfa, il-vetturi ma kinux jispiccaw fil-posizzjoni li jidhru fir-ritratt SSC3. F'dik l-eventwalita' il-vettura CBL 767 ma kinitx tkun dritta xemgha u l-vettura CLA 277 skuntrata, kif jidhru fir-ritratt u l-skizz li sar mill-

warden. Ir-rikorrent stess xehed li qabel sehh l-incident, kien saq xi seba' jew ghaxar metri miz-*zebra crossing*.

(c) Il-posizzjoni kif jidhru l-vetturi fir-ritratt Dok. SSC3 tindika li kienet il-vettura tal-intimata li habtet f'dik tar-rikorrent.

4. Fir-rigward tad-danni mir-ricevuti prezentati jirrizulta li dawn kienu fl-ammont ta' hames mija u tlieta u erbghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€543.45), u li jkopru xiri ta' parts u mano d'opera.

**Ghal dawn il-motivi thassar id-decizjoni tad-9 ta' Mejju 2015 u filwaqt li tilqa' l-appell:**

1. **Tiddikjara li l-incident tat-traffiku li sehh fit-18 ta' April 2012 gewwa Triq San Edwardu, Qormi bejn il-vettura CLA 277 u CBL 767, sehh tort tal-intimata.**
2. **Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' hames mija u tlieta u erbghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€543.45).**
3. **Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-intimata**.

Anthony Ellul.